*-Tistax barrister (Ingilterra qabel il-Brexit) tipprattika f'Malta bħala avukat*

*bla ma tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Art. 81 tal-Kap 12*

**FIL-PRIM'AWLA TAL-QORTI ĊIVILI**

**IMĦALLEF**

**ONOR. GRAZIO MERCIECA LL.D.**

**ILLUM, 10 ta' Ġunju 2021.**

**Rikors Nru. 1017/2019 GM**

**Sarah Engerer (K.I 325181M)**

**vs**

**L-Onor. Ministru tal-Ġustizzja**
**L-Avukat Ġenerali**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' Sarah Engerer (K.I. 325181M) li permezz tiegħu wara li ppremettiet illi :

Il-attriċi Sarah Engerer nee` Gauci Maistre, teżerċita l-professjoni legali taħt it-titlu ta' *Barrister* u tgawdi mid-dritt ta' smigħ fil-Qrati tar-Renju

Unit, u dan kif jirriżulta miċ-ċertifikat hawn anness u esebit bħala **Dokument A**;

Fis-sena 2010 l-attriċi bdiet tipprattika f'Malta ma' bank f'Malta kif jidher miċ-ċertifikat hawn anness bħala **Dokument B**; filwaqt li fis-sena 2014 il-professjoni tal-attriċi ġiet rikonoxxuta f'Malta tant li nħareġ ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni Legali Taħt it-Titlu ta' Pajjiż ta' Oriġini, kopja ta' dan id-dokument huwa hawn anness u esebit bħala **Dokument C.**

Għalhekk l-attriċi stabbiliet ruħha u bdiet teżerċita regolarment il-professjoni legali f'Malta taħt it-titlu professjonali ta' *Barrister*¸ f'Malta a tenur tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali (SL 12.17).

Sussegwentement f'Marzu 2015 l-attriċi għamlet talba sabiex tingħata l-fakulta` li teżerċita' l-Professjoni legali tagħha ("*barrister*") taħt it-titlu professjonali li llum jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta (ċioe` "*avukat*") u dana a tenur tar-regolament 6(5) u 6(9) tal-Avviż legali 273 tas-sena 2002 liema Regolamenti ttrasponew f'Malta id-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 *sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni,*

Din l-Applikazzjoni saret mal-President ta' Malta għaliex a tenur tar-Regolament 2 tal-Avviż legali 273 tal-2002 fuq ċitat l-"*awtorita` nominata ... fir-Rigward tal-Professjoni legali, tirreferi għall-President ta' Malta*;"

A tenur tar-Regolament 11 tal-Avviż legali 273 tal-2002:

> *"(1) L-awtorita' nominata għandha tqis applikazzjoni kemm jista' jkun malajr daqskemm ikun raġonevolment prattikabbli u għandha tavża lill-applikant bid-deċiżjoni tagħha flimkien mar-raġunijiet tagħha li jkunu jimmotivaw dik id-deċiżjoni b'dan li dak li jiġi kkunsidrat ikun limitat għal verifika tal-kwalifiki li jkollu l-applikant:*

*"(2) Għandu ikun hemm disponibbli rimedju għall-applikant kontra tali deċiżjoni quddiem il-bord tal-Appelli dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki".*

Minkejja dan l-attriċi ma ngħatat ta' ebda risposta għajr li giet infurmatata li r-rikjesta tagħha kienet ġiet trasmessa lill-Ministru tal-Ġustizzja.

Fit-2 ta' Settembru 2019, u ċioe` iktar minn erba' snin wara, (il-konvenut Avukat Ġenerali bagħat ittra (**Dokument D)** f'liema ddikjara li l-esponenti ma setgħetx tikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta u d-dritt li teżerċita l-professjoni legali taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta (u ċioe, "*avukat"*) ħlief wara li jsir eżami tal-Warrant u dan minkejja li l-istess Avukat Ġenerali rrikonoxxa li skont ir-regolamenti fuq msemmija ma setax jintalab li l-esponenti tagħmel "*an aptitude test*" u ċioe` l-eżami tal-Warrant.

Għalhekk jirriżulta li mhux biss ma ngħatat l-ebda deċiżjoni fir-rigward tat-talba tal-esponenti iżda wkoll jidher li l-konvenuti ma humiex qegħdin japplikaw id-Direttivi applikabbli korretement.

Lil hinn mit-traspożizzjoni tagħhom id-direttivi: Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 *sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni*; u d-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali (kif emendati minn żmien għal-żmien) huma t-tnejn applikabbli direttament f'Malta u għalhekk il-konvenuti għandhom obbligu li jobdu u jagħtu effett lil dawn id-Direttivi fid-dawl tal-interpretazzjoni li tkun ingħatat lilhom mill-Qorti ta' Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, u dan anke a tenur tal-Kap 460 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 65 tal-Kostituzzjoni ta' Malta.

Għalhekk il-konvenuti jew min minnhom bid-dewmien u nuqqas ta' deċizzjoni qegħdin iċaħħdu lill-esponent protestanti mhux biss mid-drittijiet tagħha a tenur tad-Direttiva 98/5/KE iżda wkoll mid-dritt tal-liberta` ta' moviment u dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli u għal rimedju effettiv kif protetti fil-liġi nkluż l-Artikoli 15, 41 u 47 tal-karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

Talbet lil din il-Qorti sabiex:

1. Tiddikjara li n-nuqqas da parti tal-awtorita` nominata tagħti deċiżjoni u/jew li tipproċessa t-talba fi żmien raġjonevoli jilledi d-dritt tal-attriċi nkluż id-dritt tax-xogħol, ta' l-liberta` ta' moviment u dritt ta' smigħ xieraq fi żmien raġjonevoli u għal rimedju effettiv kif protetti fil-liġi nkluż l-Artikoli 15, 41 u 47 tal-Karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

2. Tiddikjara li il-konvenuti jew min minnhom naqsu li japplikaw korrettement u skont il-liġi Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 *sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bażi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni*, u/jew id-Direttiva 2005/36/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-7 ta' Settembru 2005 dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali.

3. Tiddikjara li l-attriċi ilha tipprattika taħt it-titlu professjonali tal-pajjiż ta' oriġini ("*barrister*") li jintuża fir-Renju Unit u li effettivament u regolarment eżerċitat xi attivita` professjonali f' Malta għal perjodu ta' mill-inqas tliet snin.

4. Tiddikjara li l-attriċi għandha dritt tikseb dħul fil-professjoni legali f'Malta u d-dritt li teżerċita taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta mingħajr ma jkollha tħares il-kondizzjonijiet imsemmija fir-regolament 9(2) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonxximenti Reċiproku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali u dana a tenur tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali u d-Direttiva 98/5/KE.

5. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex immedjatament u mingħajr iktar dewmien joħorġu Awtorizazzjoni skont is-subregolament 6(5) tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Kwalifiki ta' Professjoni Legali u d-Direttiva 98/5/KE u/jew Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' Prattika tal-Professjoni legali taħt it-titlu professjonali li jkun jikkorrispondi għall-professjoni f'Malta, u ċioe "*Avukat*".

6. Tordna lill-konvenuti jagħtu kull rimedju ieħor xieraq u opportun inkluż iżda mhux limitat li tikkundanna lill-konvenuti jħallsu lill-attriċi kumpens għad-danni pekunjarji u mhux pekunjarji minħabba l-vjolazzjoni tal-jeddijiet tagħha kif stabbilit u protett kemm bil-karta tad-drittijiet fundamentali tal-Unjoni Ewropea u kif ukoll mid-direttivi 98/5/KE u 2005/36/KE (kif sussegwentement emendati).

Bl-ispejjeż inkluż tal-protest ġudizzjarju 457/19.

Rat ir-Risposta Ġuramentata tal-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali u tal-Avukat Ġenerali li permezz tagħha eċċepew:

1. L-inamissibilita` tat-talba tal-attriċi stante illi hija waħda vaga u mhux identifikat x'inhu d-dritt illi fuqu hija bażata l-azzjoni.

2. Il-Ministru tal-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali mhuwiex il-leġittimu kontradittur ai termini tal-Artikolu 181B tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta).

3. L-inapplikabbilita` tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Professjonali stante li dawn ir-regolamenti ġew revokati permezz tar-Regolamenti dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiki Professjonali (A.L. 422 tal-2007).

4. L-inapplikabbilita' tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea u dan stante li l-Karta tapplika esklussivament *"għall-istituzzjonijiet, għall-korpi u għall-agenziji tal-Unjoni fir-rispett tal-prinċipju ta' sussidjarjeta` u għall-Istati Membri wkoll* <u>*biss meta jkunu qed jimplimentaw il-liġi tal-Unjoni*</u>*..."* u dan ai termini tal-Artikolu 51(1) tal-istess Karta. Illi huwa stabbilit fil-każistika tal-Qorti tal-Ġustizzija tal-Unjoni Ewropea illi d-drittijiet stabbiliti fil-Karta m'humiex *"stand alone provisions"*, u ċjoe m'għandhomx applikazzjoni awtonoma u indipendenti mill-provvedimenti sostantivi tal-Liġi Ewropea. Illi, peress li fil-każ odjem it-talba lill-Eċċellenza Tagħha l-President ta' Malta sabiex l-attriċi tingħata *warrant* mingħajr ma kienet tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-liġi hija totalment infondata fid-dritt Ewropew, ċertament ma jistax jingħad illi din kienet intitolata għal xi "deċiżjoni" fil-konfront tagħha skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, u peress li l-Karta tapplika biss meta Stat Membru jkun qiegħed "jimplimenta" xi liġi tal-Unjoni Ewropea, tali "implimentazzjoni" ma tistax titqies illi ssir fl-assenza ta' dritt jew obbligu konkret skont provvediment partikolari tal-Liġi Ewropea.

5. Fil-mertu u mingħajr preġudizzju għas-suespost l-allegazzjonijiet tal-attriċi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u dan għar-raġunijiet segwenti:

(a) il-pern tal-proċeduri odjerni huwa l-pretensjoni tal-attriċi li hija allegatament għandha dritt, skont il-liġi tal-Unjoni Ewropea, illi tingħata *"waruant"* ta' avukat mingħajr ma jkollha tissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fl-Artikolu 81 tal-Kodiċi tal-

Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta), u speċifikatament, mingħajr ma jkollha tagħmel l-eżami tal-"*warrant"* stipulat fil-paragrafa (f) tal-Artikolu 81 tal-Kap. 12. Tali pretensjoni hija totlament infodata fil-fatt u fid-dritt peress illi, kif ser jiġi muri fil-kors ta' dawn il-proċeduri, id-Direttiva 2005/36/KE ma jagħtu l-ebda dritt lill-avukat minn Stat Membru tal-EU illi jipprattika l-professjoni taħt it-titlu professjonali użat fi Stat Membru ieħor (magħruf bħala l-*host Member State*) b' mod awtomatiku, mingħajr ma jissodisfa r-rekwiżiti kollha stabbiliti fil-liġi nazzjonali ta' dak l-iStat Membru.

(b) In kwantu l-attriċi qed titlob lil dina l-Onorabbli Qorti tiddikjara li n-nuqqas da parti tal-awtorita' nominata illi tagħti "deċiżjoni" fuq it-talba tagħha fi żmien raġjonevoli jilledi d-drittijiet tagħha ai termini tal-Artikoli 15, 41 u 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali tal-Unjoni Ewropea (illi jistabbilixxu rispettivament id-dritt għax-xogħol, id-dritt għal amministrazzjoni tajba u d-dritt għal rimedju effettiv u għal proċess imparzjali), jiġi sottomess li peress il-kwistjoni odjema tirrigwarda l-pretensjoni tal-attriċi illi tingħata "warrant" mingħajr ma tagħmel l-eżami appożitu rikjest mil-liġi ċertament li bl-ebda tiġbid tal-immaġinazzjoni ma jista' jingħad li ġie vjolat xi wieħed minn dawn l-artikoli. Illi fl-ewwel lok, ċertament ma jistax jingħad illi d-dritt tal-attriċi għal rimedju effettiv u għal proċess imparżjali ġie leż u dan għas-sempliċi raġuni li l-awtorita' nominata ma tistax tiġi kkunsidrata bħala "Qorti jew Tribunal" ai termini tal-artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fondamentali. Illi l-attriċi fl-ebda waqt ma ġiet imċaħħda milli taħdem f' Malta, iżda għal kuntrarju hija ngħatat ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' prattika tal-professjoni legali taħt it-titlu ta' pajjiż ta' oriġini tagħha. Illi jirriżulta ċar mir-Rikors promotur u mid-dokumenti annessi miegħu illi l-attriċi ilha tipprattika l-professjoni legali hawn Malta taħt it-titlu professjonali ta' *barrister*, kif użat fir-Renju Unit, mill-2014 u li dan it-titlu ġie anke formalment rikonoxxut mill-President ta' Malta skont il-provvedimenti tad-Direttiva 98/5/KE, kif trasposta fil-liġi Maltija permess tal-A.L. 273 tal-2002 ("Dokument C" anness mar-rikors promotur). Illi in oltre, l-esponenti dejjem irrispettaw id-dritt għal amministrazzjoni tajba u dejjem imxew mal-liġijiet viġenti u fil-parametri tal-istess;

(c) Illi in kwantu l-attriċi qed titlob li dina l-Onorabbli Qorti għandha tiddikjara li l-esponenti naqsu li japplikaw korrettement

u skont il-liġi d-Direttiva 98/5/KE sabiex tkun iffaċilitata l-prattika tal-professjoni ta' avukat fuq bazi permanenti fl-Istati Membri minbarra dak fejn kienet miksuba l-kwalifikazzjoni "u/jew" id-Direttiva 2005/36/KE dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali, mingħajr ebda indikazzjoni ta' liema provvedimenti speċifiċi ta' dawn id-Direttivi allegatament ġew miksura jew għall-inqas japplikaw għall-każ in diżamina, l-esponenti jissottomettu bir-rispett kollu illi din it-talba turi b'mod ċar li l-attriċi mhijiex koretta u dan stante li l-prinċipji bażiċi u l-iskop ta' applikazzjoni ta' dawn iż-żewġ Direttivi mhumiex kif qiegħda tagħti x' tifhem l-attriċi.

(d) Illi d-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Europew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998, illi ġiet trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 12.17, hija applikabbli biss għal avukati li jkunu jixtiequ jipprattikaw fi Stat Membru tal-Unjoni Ewropea **taħt it-titlu professjonali li jintuża f'pajjiżhom.** L-artikolu 2 tal-istess Direttiva jipprovdi li "*Kull avukat għandu jkun intitulat li jsegwi fuq bażi permanenti, f'kull Stat Membru ieħor taħt it-titlu professjonali ta' pajjiżu, l-attivitajiet speċifikati fl-Artikolu 5.* " Skont l-Artikolu 2(d) tal-istess Direttiva" "*It-titlu professjonali ta' pajjiżu jfisser it-titlu professjonali użat fl-iStat Membru fejn avukat kiseb id-dritt li juża dak it-Titlu qabel jipprattika l-professjoni ta' avukat fl-iStat Membru ospitanti.*" Illi hekk kif jinżel ċar mir-Rikors promotur, fis-sena 2014 inħareġ lil-attriċi ċertifikat ta' Reġistrazzjoni ta' prattika tal-professjoni legali sabiex hija tkun tista' tipprattika l-professjoni tagħha ta' *Barrister* bit-titlu ta' *Barrister* f'Malta ("Dokument C" anness mar-rikors promotur), u għaldaqstant id-drittijiet tal-attriċi emanenti minn din id-Direttiva ġew rispettati *in toto.*

(e) Illi madanakollu d-Direttiva 98/5/KE innifisha ma tagħti ebda dritt lill-professjonisti li jipprattikaw, il-professjoni tagħhom taħt it-titlu professjonali tal-Istat Membru ospitanti. Tant hu hekk illi l-Artikolu 4 tad-Direttiva 98/5/KE jistipula illi "*1. Avukat li jipprattika fl-lstat Membru ospitanti taħt it-titlu professjonali ta' pajjiżu* ***għandu jagħmel hekk taħt dak it-Titlu, li għandu jkun espress fil-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjati tal-Istat Membru li hu pajjiżu, b'mod intelliġibbli u b'tali mod li tkun evitata konfużjoni mat-titlu professjonali tal-Istat Membru ospitanti….*** " Magħdud ma' dan, l-Artikolu 5 tad-Direttiva jipprovdi illi "*1. suġġett għall-paragrafi 2 u 3, avukat li jipprattika taħt it-titlu professjonali ta' pijjiżu jwettaq l-istess attivitajiet professjonali bħala avukat li jipprattika taħt it-titlu*

*professjonali relevanti użat fl-Istat Membru ospitanti u jista', inter alia, jagħti parir fuq il-liġi tal-Istat Membru li hu pajjiżu, fuq il-liġi tal-Komunita`, fuq il-liġi internazzjonali u fuq il-liġi tal-Istat Membru ospitanti.* ***Għandu f' kull każ ikun konformi mar-regoli ta' proċedura applikabbli fil-qrati nazzjonali****.....*
*...3.* ***Għas-segwiment ta' attivitajiet li jirrelataw mar-rappreżentazzjoni jew difiża ta' klijent fi proċeduri legali u safejn il-liġi tal-Istat Membru ospitanti tirriserva attivitajiet bħal dawn għal avukati li jipprattikaw taħt it-titoli professjonali ta' dak l-Istat****,* ***dan tal-aħħar jista` jeħtieġ li avukati li jipprattikaw taħt it-titlu professjonali ta' pajjiżhom jaħdmu flimkien ma' avukat li jipprattika quddiem l-awtorita` ġudizzjarja in kwistjoni u li jkun meħtieġ, iwieġeb għal għemilu lil dik l-awtorita` jew lill- "avoue" li jipprattika quddiema."***

(f) Il-liġi tal-Unjoni Ewropea tistabbilixxi reġimi separati għal dawk il-professjonisti li jkunu emigraw li jkunu jixtiequ jeżerċitaw il-professjoni ta' avukat taħt it-titlu professjonali ta' pajjiżhom (u ċjoe', it-titlu professjonali użat fl-Istat Membru fejn l-avukat kiseb id-dritt li juża dak it-titlu) u dawk il-professjonisti li jkunu jixtiequ jipprattikaw taħt it-titlu professjonali tal-Istat Membru ospitanti. Difatti, *il-professjonisti li jkunu jixtiequ jipprattikaw professjoni regolata taħt it-titlu professjonali ta' Stat Membru ospitanti huma esklussivament regolati mll-provvedimenti tad-Direttiva 2005/36/EC* dwar ir-Rikonoxximent ta' Kwalifiki Professjonali kif trasposta fil-liġi Maltija permezz tal-Leġiżlazzjoni Sussidjarja 451.03;

Illi l-premessa numru 42 ta' din id-Direttiva tipprovdi s-segwenti: "... *Din id-Direttiva ma tolqotx l-operat tad-Direttiva tal-Kunsill 77/249/KEE tat-22 ta' Marzu 1977 li tffiċilita l-eżerċizzju effittiv mill-avukati għal-liberta` sabiex jipprovdu servizzi jew tad-Direttiva 98/5/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 1998 li tiffaċilita` l-prattika tal-professjoni tal-avukati fuq bażi permanenti fi Stat Membru ħlief dak li fih inkisbet il-kwalifika.* ***Ir-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali għal avukati bl-għan li jseħħ l-istabbiliment immedjat taħt it-titlu professjonali tal-Istat Membru ospitanti għandu jkun kopert minn din id-Direttiva.”*** (enfasi miżjuda)

Inoltre l-artikolu 13(1) tad-Direttiva 2005/36, kif emendata, jipprovdi: *"Jekk l-aċċess għal professjoni regolata jew it-twettiq tagħha fi Stat Membru ospitanti jkunu kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, l-awtorita` kompetenti ta' dak*

*l-Istat Membru għandha tippermetti lill-applikanti jkollhom aċċess għal dik il-professjoni u jwettquha,* ***__bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini ta' dak l-Istat Membru,__*** *jekk għandhom attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali msemmija fl-Artikolu 11, meħtiega minn Stat Membru ieħor sabiex jiksbu aċċess għal dik il-professjoni jew għat-twettiq tagħha fit-territorju tiegħu. " Dan l-artikolu gie traspost fir-regolament 15 (1) tal-Legislazzjoni Sussidjarja 451.03 li jaqra s-segwenti; "Jekk l-aċċess għal professjoni regolata jew it-twettiq tagħha f'Malta jkunu kontingenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali speċifiċi, l-awtorita` nominata għandha tippermetti lill-applikanti jkollhom aċċess għal dik il-professjoni u jwettquha,* ***__bl-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini Maltin__****, jekk għandhom attestazzjoni ta' livell ta' kompetenza jew prova ta' kwalifiki formali msemmija fir-regolament 13, meħtieġa minn Stat Membru ieħor sabiex jiksbu aċċess għal dik il-professjoni jew għat-twettiq tagħha fit-territorju tiegħu*" (enfażi miżjuda);

Konsegwentament, sabiex persuna tottjeni l-warrant ta' avukat biex teżerċita l-professjoni ta' avukat f'Malta taħt l-Artikolu 13 tad-Direttiva 2005/36/EC, hija għandha tissodisfa l-istess kriterji li jissodisfaw ċittadini Maltin sabiex jottjenu warrant ta' avukat biex jipprattikaw f'Malta;

(g) Illi dawn il-kriterji huma elenkati l-artikolu 81 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta li jipprovdi 1i fost il-kriterji nsibu li l-persuna trid turi li:

> *"(c)* ***għandha l-kwalifika ta' Dottorot fil-Liġi (LL.D)*** *skont id-dispożizzjonijiet tal-Istatut, Regolamenti u Bye-Laws tal-Universita` ta' Malta jew kwalifika oħra fi grad ta' masters bħal din kif il-Ministru, wara konsultazzjoni mas-Senat tal-Universita` ta' Malta, jista' minn żmien għal żmien jippreskrivi,* ***jew għandha grad komparabbli minn xi awtorita` kompetenti skont il-prinċipji tar-rikonoxximent reċiproku tal-kwalifiki, wara li tkun studjat il-liġi f'Malta jew f'xi Stat Membru"***
>
> ….
>
> "(f***) ġie eżaminat u approvat minn żewġ imħallfin, illi, taħt il-firma u siġill tagħhom, jagħtu ċertifikat li sabu li għandu l-kwalifiki hawn fuq imsemmija u li huwa***

***kompetenti biex jeżerċita l-professjoni ta' avukat fil-qrati ta' Malta.*** " (enfasi miżjuda)

Isegwi minn dan l-artikolu li r-rekwiżiti stabbiliti fis-subinċiżi (c) u (f) huma totalment separati u distinti minn xulxin, u oltre minn hekk *huma kumulattivi għal xulxin biex wieħed jottjeni l-warrant* sabiex jeżerċita l-professjoni ta' avukat quddiem il-Qrati ta' Malta, filwaqt illi r-rekwiżiti kollha tal-artikolu 81 japplikaw mingħajr ebda distinzjoni bejn ċittadini Maltin u dawk ta' Stati Membri oħra. Għaldaqstant, sabiex individwu jottjeni l-istess warrant, apparti li jrid ikun kwalifikat fil-liġi, ikollu jersaq għall-eżami tal-warrant kif stabbilit fl-artikolu 81(f) tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta. Illi dan l-eżami huwa totalment differenti minn *"aptitude test"*, kuntrarjament għal dak li qiegħed tipprova timplika l-attriċi.

(h) Il-possibbilta' li Stat Membru ospitanti jimponi "aptitude test" (u ċjoe' test ta' kapaċita') fuq applikant għar-rikonoxximent ta' kwalifiki professjonali huwa irregolat bl-artikolu 14 tad-Direttiva 2005/36 liema artikolu jagħmilha ċara illi l-"aptitude test" huwa esklussivament marbut mar-rikonoxximent ta' kwalifika professjonali bħal ma hija kwalifika fil-liġi, u mhux mar-rekwiżiti addizzjonali imposti mil-liġi nazzjonali bħal ma huwa r-rekwiżit li wieħed għandu jersaq għal eżami qabel jottjeni l-warrant ta' avukat. Illi fil-fatt, anke ċ-ċertifikat ta' *"barrister"* mogħtija lill-attriċi mill-Bar Council Ingliż ma tikkostitwixxix "kwalifika professjonali", iżda hija essenzjalment permess sabiex l-attriċi tipprattika fil-Qrati tar-Renju Unit, bħalma l-warrant Malti huwa permess sabiex avukat ikun jista' jipprattika quddiem il-Qrati Maltin. Illi dawn iż-żewġ warrants ċertament m'humiex skambjabbli ma’ xulxin, u bl-istess logika tal-attriċi, avukat Malti ma jistax jippretendi illi jingħata ċertifikat ta' barrister mill-awtoritajiet Ingliżi mingħajr ma jissodisfa l-kriterji stabbiliti fil-liġi applikabbli tar-Renju Unit;

(i) Mingħajr preġudizzju għall-konsiderazzjonijiet suesposti, filwaqt li prima facie jidher illi l-attriċi tissodisfa r-rekwiżiti stabbiliti għall-inqas fil-paragrafi (a) sa (d) tal-artikolu 81 tal-Kap. 12, ma tispjegax għalfejn għandha tiġi eżentata proprju mir-rekwiżit partikolari stabbilit fil-paragrafu (f) ta' dan l-artikolu, u fuq liema provvediment speċifiku tad-Direttivi ċitati hija ibbażata din il-pretensjoni tagħha; illi jekk il-attriċi tassew tissodisfa r-rekwiżiti l-oħra tal-artikolu 81, wieħed ma jistax ma jsaqsix għalfejn l-attriċi qiegħda tirreżisti li tagħmel l-eżami tal-warrant rikjest mill-paragrafu (f) tal-istess artikolu.

(j) Ir-rimedju mitlub mill-attriċi ma jistax jingħata minn dina l-Onorabbli Qorti u dan stante li jekk dina l-Onorabbli Qorti jidhrilha li d-diskrezzjoni mogħtija lill-awtorita' nominata kien użat ħażin, ir-rimedju li jista' jingħata huwa dak ta' tħassir tali deċiżjoni. Illi anke r-rimedju ta' kumpens mitlub mill-attriċi ma huwa ġustifikat u dan stante li l-esponenti ma kkaġunaw l-ebda dannu lill-attriċi u li huma dejjem aġixxew in buona fede u fil-parametri tal-liġi.

Rat ir-Risposta Maħlufa Ulterjuri tal-konvenuti, imsemmija iktar ‘il quddiem f’din is-sentenza.

Rat l-atti tal-kawża.

Rat in-noti ta’ sottomissjonijiet tal-partijiet.

Ikkunsidrat:

**Eċċezzjonijiet preliminari.**

It-tieni eċċezzjoni hija valida. F’dan il-każ l-ebda deċiżjoni ma ttieħdet mill-Ministru tal-Ġustizzja għaliex din tittieħed mill-President tar-Repubblika. Lanqas hemm xi “kap tad-dipartiment tal-gvern” inkarikat fil-materja in kwistjoni (Art. 181B Kap 12). Il-persuna nkarikata f’dan il-każ huwa l-President li iżda ma jistax jitħarrek. Għalhekk il-Gvern f’din il-kawża għandu jiġi rrappreżentat mill-Avukat tal-Istat, b’applikazzjoni tal-Art. 181B(2) tal-Kap 12 – disposizzjoni li ġiet miżjuda fil-kodiċi ritwali apposta għal meta minħabba n-natura tat-talba ma jkunx jista’ jiġi identifikat xi kap (jew kapijiet) ta’ xi d-dipartiment (jew dipartimenti) tal-Gvern.

L-ewwel eċċezzjoni ġiet sorvolata permezz ta’ nota[1] tal-attriċi li spjegat li l-azzjoni tagħha hija waħda ta’ *judicial review*, li iżda, tissokta tippreċiża, ma taqax taħt l-Art. 469A tal-Kap 12. B’danakollu in segwitu tan-nota tal-attriċi il-konvenuti daħħlu risposta ġuramentata ulterjuri li fiha eċċepew li l-azzjoni

[1] Fol 32

hija nulla u improponibbli abbażi tal-poter residwali ta' din il-Qorti billi l-Awtorita` Nominata li allegatament ma tatx ir-risposta tagħha lir-rikorrrenti ma tikkostitwixxix awtorita` ġudizzjarja. Fil-fehma ta' din il-Qorti, iżda, il-kwistjoni hija waħda ta' stħarriġ ta' għemil amministrattiv li taqa' taħt il-kappa ta' għemil *ultra vires* u għalhekk hu applikabbli l-Art. 469A tal-Kap 12. L-eċċezzjoni ulterjuri tal-konvenuti ma tagħmilx sens għaliex biex ikun jista' jiġi attakkat għemil amministrattiv ma jfissirx li jkun maħruġ minn awtorita` ġudizzjarja. Anzi, għemil bħal dan spiss joħroġ mill-organi tal-amministrazzjoni pubblika, li jistgħu jkunu, iżda spiss ma jkunux ukoll, ta' natura kwazi ġudizzjarja.

Ikkunsidrat:

**Mertu.**

Il-kwistjoni bejn il-partijiet kontendenti ddur fuq żewġ Direttivi tal-Unjoni Ewropea, trasposti fil-liġi ta' Malta:

- Directive 98/5/EC (16 ta' Frar 1998) *to facilitate practice of the profession of lawyer on a permanent basis in a Member State other than that in which the qualification was obtained,* trasposta permezz ta' Avviż Legali 273/2002; u

- Directive 2005/36/EC (7 ta' Settembru 2005) *on the recognition of professional qualifications,* trasposta permezz ta' L.S. 451.03.

Il-partijiet jaċċettaw li dawn id-Direttivi ġew trasposti korrettement fil-liġi ta' Malta. Għalhekk, a skans ta' ripetizzjonijiet u ta' tul żejjed, din il-Qorti sejra tagħmel riferenza għad-Direttivi biss, anke jekk għandu jitqies li meta tagħmel hekk tkun ukoll qiegħda tirreferi wkoll għal-liġi Maltija traspożitanti.

Waqt is-smigħ ta’ din il-kawża, l-Ingilterra, minn fejn l-attriċi kisbet it-titlu ta’ *barrister*, ma baqgħetx membru tal-Unjoni Ewropea. Il-kawża tirreferi għal fatti akkwiżittivi, li kienu jintegraw l-elementi **kollha** ta’ dritt partikolari, li seħħu kollha waqt li l-Gran Brittanja kienet għadha tifforma parti mill-istess Unjoni u għalhekk il-preżunzjoni hi li l-Qorti għandha tapplika l-liġi (id-Direttivi) kif kienet dak iż-żmien, għax si tratta ta’ dritt akkwiżit,[2] salv li hemm xi disposizzjoni tranżitorja fit-trattat ta’ divorzju bejn l-Ingilterra u l-Unjoni. L-ebda waħda mill-partijiet kontendenti ma qanqlet din iċ-ċirkostanza u wisq inqas kif din tista’ timpinġi fuq il-pretenzjoni tal-attriċi. Billi l-Qorti toqgħod strettament għal-limiti tal-kontestazzjoni, u m’għandhiex tressaq eċċezzjonijiet ġodda *ex officio* għajr f’ċerti ċirkostanzi limitati, il-Qorti sejra tapplika l-liġi kif kienet qabel il-Brexit.

L-għan tad-Direttiva 98/5 huwa li tiffaċilita l-prattika tal-professjoni tal-avukat fi Stat Membru minbarra dak li fih inkisbet il-kwalifika professjonali.[3] Id-Direttiva toħloq żewġ kategoriji ta’ avukatura transkonfinali: (i) Kull avukat jista’ liberament, taħt it-titlu professjonali ta’ pajjiżu, jwettaq fl-Istat Membru ospitanti ċerti attivijiet partikolari.[4] (ii) Jista’ wkoll jintegra kompletament fil-professjoni tal-Istat Membru ospitanti.[5] L-integrazzjoni sħiħa ssir jekk jiġu sodisfatti l-kriterji tal-Artiklu 10 tal-istess Direttiva.

Artiklu 10(1) jeżenta avukat li jkun ipprattika fl-Istat ospitanti għal tliet snin taħt it-titlu professjonali ta’ pajjiżu mill-kundizzjonijiet imposti fl-Artiklu 4(1)(b) tad-Direttiva 89/48/KEE. Din id-Direttiva ġiet imħassra fid-19.10.2007. Skont l-Art. 4(1)(b) Stat ospitanti kien jista’ jitlob perjodu ta’ addattament ta’ 3 snin jew jimponi *aptitude test* minkejja li l-avukat ikollu l-kwalifiki

[2] dwar id-dritt tranżitorju, ara l-opra klassika ta’ C.F. Gabba, Teoria della Retroattivita` delle Leggi, 1884

[3] Artiklu 1, para 1

[4] elenkati fl-Artiklu 5 ta’ Direttiva 98/5

[5] Artiklu 2, Direttiva 98/5

akkademiċi minn pajjiżi ekwivalenti għal dawk tal-iStat ospitanti skont Art. 3 tal-istess Direttiva. Kif ġja` ngħad, fit-2005, din id-Direttiva ġiet sostitwita b'Direttiva 2005/36. Minflok Art. 4(1)(b), fid-Direttiva 2005/36, issa viġenti minflok Direttiva 89/48, hemm Artiklu 14 li jiffakoltizza lill-Istat ospitanti jimponi *Compensation measures* li jikkonsisti jew f'perjodu t'addattament ta' 3 snin inkella *aptitude test*. Sostanzjalment id-disposizzjonijiet tad-Direttiva l-ġdida huma l-istess bħal dawk tad-Direttiva l-antika.

L-attriċi targumenta li pprattikat għal minimu ta' 3 snin f'Malta u hi eżenti mill-*aptitude test*; *ergo*, għandha tingħata l-permess biex teżerċita l-professjoni t'avukat f'Malta. Ir-Regolament 98/5 iżda ma jgħidx hekk. Huwa impostat fin-negattiv u mhux fil-pożittiv. Jgħid biss li avukat li jkun ipprattika għal minimu ta' 3 snin f'Malta jkun eżentat mill-*compensation measures* bħala kundizzjoni biex jiġi ntegrat b'mod sħiħ fil-professjoni t'Avukat fl-Istat ospitanti**. Dan ma jfissirx, iżda, li ma jistax ikun hemm kundizzjonijiet oħrajn.** Il-liġi teżentah mill-kundizzjoni partikolari tal-*compensation,* u mhux minn kundizzjonijiet oħrajn.

Dak li jagħmel ir-Regolament 98/5 hu li fil-każ partikolari tal-avukati jneħħi l-impożizzjoni ta' *compensation measures* applikabbli għall-professjonisti in ġenerali li llum jinstabu fid-Direttiva 2005/36. Dawn il-*compensation measures* qegħdin hemm biex jagħmlu tajjeb għal kwalunkwe *deficit* li Stat ospitanti jista' jidhirlu li jkun hemm **<u>fil-kwalifiki professjonali</u>** tal-applikant. Tant hu hekk, li Paragrafu 42 tal-Preambolu tad-Direttiva 2005/36, wara li jgħid li "This Directive does not affect the operation of… Directive 98/5/EC… to facilitate practice of the profession of lawyer on a permanent basis in a Member State other than that in which the qualification is obtained", b'danakollu jissokta jgħid minnufih li "The recognition of professional qualifications for lawyers for the

purpose of immediate establishment under the professional title of the host Member State should be covered by this Directive".

Artiklu 13(1) tad-Direttiva 2005/36 jaqra hekk:

> "Jekk l-aċċess jew l-eżerċizzju ta' professjoni regolata fi Stat Membru ospitanti huwa kontinġenti fuq il-pussess ta' kwalifiki professjonali, l-awtorita` kompetenti ta' dak l-Istat Membru għandha tippermetti l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni, **taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu**, [6] lill-applikanti li għandhom l-attestazzjoni ta' kompetenza jew provi ta' kwalifiki formali meħtieġa minn Stat Membru ieħor biex jiksbu l-aċċess għal u l-eżerċizzju ta' dik il-professjoni fit-territorju tiegħu."

Mela skont Artiklu 13(1), ċittadini ta' Stat Membru li jkollhom kwalifiċi ekwivalenti għal dawk rikonoxxuti minn Stat Membru ospitanti **m'għandhomx dritt awtomatiku** li jiġu ammessi fil-professjoni rilevanti, imma biss dritt li l-kwalifiċi professjonali tagħhom jiġu rikonoxxuti bħala ugwali daqs dawk tal-Istat ospitanti u li għalhekk jitħallew jeżerċitaw il-professjoni **taħt l-istess kondizzjonijiet li japplikaw għaċ-ċittadini tiegħu**. Disposizzjoni li tapplika wkoll għall-avukati.

Il-Qorti ma taqbilx mal-attriċi li l-Art 13(1) suċċitat ma japplikax għall-avukati għaliex id-Direttiva 98/5 hija liġi speċjali li tidderoga mid-Direttiva 2005/36 li hija liġi ġenerali. Dan kien ikun il-każ li kieku ż-żewġ Direttivi jittrattaw preċiżament l-istess materja. B'danakollu, filwaqt li Direttiva 98/5 titratta **l-prattika tal-professjoni tal-avukati** bejn Stat membru u ieħor; id-Direttiva 2005/6 titratta **għarfien tal-kwalifiċi professjonali** tal-avukati u professjonijiet oħrajn bejn Stat membru u ieħor. Barra minn hekk, id-Direttiva 2005/6 ġiet ippromulgata **wara** d-Direttiva 98/5 u allura tieħu preċedenza bħala liġi posterjuri. Huwa minnu iżda li Paragrafu 42 tal-Preambolu tad-Direttiva 2005/6 iżomm fermi d-disposizzjonijiet tad-Direttiva 98/5. Min-naħa l-oħra, id-Direttiva 98/5 tagħmel deroga espressa mill-ħtieġa ta' *compensation measures*

[6] l-enfasi ġiet miżjuda minn din il-Qorti

voluti mid-Direttiva 2005/6 **iżda mhux ukoll mill-bqija tad-dispożizzjonijiet tal-istess Direttiva 2005/6, fosthom l-Artiklu 13(1) suċċitat**, li, kif ġja` ngħad, jesiġi li l-applikant, apparti li jikseb il-kwalifiċi professjonali rilevanti, jassoġġetta ruħu għall-istess kundizzjonijiet oħrajn li kandidati ċittadini tal-Istat ospitanti jkunu jridu jissodisfaw. Li kieku tingħata l-interpretazzjoni tal-attriċi, tinħoloq sitwazzjoni fejn applikant barrani mhux biss jigi trattat bhal applikant lokali, imma addirittura jiġi ppreferut għalih.

Fil-każ partikolari ta' Malta, ebda persuna ma tista' teżerċita l-professjoni ta' avukat mingħajr ma tingħata warrant wara li tissodisfa l-kundizzjonijiet tal-Artiklu 81 tal-Kap 12. Skont Art. 81(ċ), il-kandidat irid ikollu l-kwalifika ta' LLD jew kwalifika ohra fi grad ta' masters mill-Universita` ta' Malta jew grad komparabbli, rikonoxxut skont l-Att dwar ir-Rikonoxximent Reċiproku ta' Kwalifiċi (li jittrasponi Direttiva 2005/6). Imbagħad hemm kundizzjonijiet oħrajn, bħal kondotta tajba, għarfien tajjeb tal-Ilsien Malti, u eżami minn żewġ imħallfin, li jiċċertifikaw li l-kandidat ikollu l-kwalifiki meħtieġa u l-kompetenza biex jeżerċita l-professjoni t'Avukat fil-Qrati ta' Malta. M'hemm xejn fl-Artiklu 81 li jikser xi waħda miż-żewġ direttivi msemmija u għalhekk m'hemm l-ebda raġuni l-għala m'għandux japplika għall-attriċi. Il-kwalifiċi tal-attriċi ġew rikonoxxuti u dan mingħajr il-ħtieġa ta' *compensation measures*. Il-kundizzjonijiet voluti mill-Art. 81(a)(b)(d)(e)(f) mhumiex *compensation measures* għaliex ma jirrigwardawx il-kwalifiċi professjonali, filwaqt li m'hemmx diverbju li l-kundizzjonijiet tal-Art. 81(ċ) huma sodisfatti.

Ikkunsidrat:

In vista tal-premess m'hemmx għalfejn li l-Qorti titratta r-raba' eċċezzjoni.

***Decide:***

Għal dawn il-motivi, l-Qorti:

1. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tal-ewwel eċċezzjoni.
2. Tiċħad l-eċċezzjoni ulterjuri.
3. Tilqa' t-tieni eċċezzjoni u tillibera lill-konvenut Ministru tal-Ġustizzja u Gvern Lokali mill-osservanza tal-ġudizzju.
4. Tilqa' t-tielet eċċezzjoni.
5. Tastjeni milli tieħu konjizzjoni tar-raba' eċċezzjoni.
6. Tiċħad it-talbiet attriċi.

Spejjeż a kariku tal-attriċi.

Moqrija.

ONOR. IMĦALLEF
GRAZIO MERCIECA